"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 03/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 4 ta' Marzu 2010 fis-6.00pm**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| Sindku | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| Kunsillieri | **Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| Segretarju Eżk. | **Maria Galea** |
| Skuzat | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>Il-Kamra aċċettat ir-raġunijiet tal-V/Sindku sabiex jiġi skużat - (Ittra annessa) |

## *AĠENDA -1*

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 02/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## *AĠENDA -2*

*01/03* - Il-Kumitat tà Garanzija wera x-xewqa li jagħmel laqgħa mal-Kunsill nhar il-Ħamis, 18 ta' Marzu 2010 bħala waħda mil-laqgħat li hu qiegħed jagħmel mal-Kunsilli Lokali sabiex dawk preżenti jsiru aktar konxji mill-wirt kulturali u jiġu ddentifikati l-problemi f'lokalitajiet speċifiċi. Il-Kamra laqgħet din it-talba u ser jiltaqgħu mal-Kumitat ta' Garanzija nhar it-18 tà Marzu 2010 fit-3.00pm.

*02/03* - Il-Kunsill ġie mistieden mill-Kunsill Lokali Għarb sabiex jieħu sehem fil-logħba tat-*Tug of War* li hu qiegħed jorganizza nhar l-20 u l-21 ta' Marzu. L-ispejjeż għall-ivvjaġġar huma kollha mħallsa u l-finalist ser jirbaħ premju fi flus. Il-Kamra faħħret din l-inizjattiva u ser tipprova tgħaqqad tim minn fost l-għaqdiet lokali għal din l-attività.

*03/03* - Għat-tieni sena konsekuttiva s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq ressqet talba sabiex isir BBQ fil-Bajja s-Sabiħa nhar is-Sibt, 26 ta' Ġunju 2010. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li taċċetta din it-talba bil-kundizzjoni li l-mużika trid tieqaf fl-10.00pm apparti l-kundizzjonijiet tas-soltu u li jekk dawn ma jiġux onorati l-Kunsill ma jkunx f'pożizzjoni li joħroġ permessi simili fil-futur.

*04/03 -* Il-Kunsill Lokali tà Ħal-Kirkop daħal fi proġett taħt il-programm EU-Leonardo da Vinci flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Paphos. F'dan il-proġett jistgħu jidħlu lokalitajiet li għandhom kosta u għaldaqstant qegħdin jistiednu lill-Kunsill Lokali tagħna sabiex jipparteċipa f'dan il-proġett. Dan il-proġett ser ikun jinvolvi tagħlim u *training* fuq *Integrated Coastline Zone Management* u *Climate Change* lil dawk li jipparteċipaw. F'dan l-istadju jekk il-Kunsill jikkonferma għandu jappunta żewġ persuni li ser jieħdu ħsieb u aktar informazzjoni tingħata lilhom. T.Roberts ippropona li jekk il-Kamra taċċetta jkun hu r-rappreżentant tal-Kunsill Lokali għal dan il-għan. Is-Sindku ssekonda u kulħadd qabel.

*05/03 -* Is-Sur David Spiteri f'isem Energy 96.4FM, ir-Radju tal-Komunità, bagħat jinforma l-Kunsill li r-radju ser jieqaf ixandar minn Birżebbuġa minħabba problemi ta' finanzi. Hu rringrazzja l-Kunsill għas-sapport li dejjem ta lil dan ir-radju. Il-Kamra rrimarkat li din ser tkun telfa kbira għal-lokalità kif ukoll għal Kunsill minħabba l-importanza tal-komunikazzjoni mar-residenti.

*06/03 -* Tressqet talba minn Birżebbuġa Scout Group sabiex il-Kunsill jisponsorja l-bini tal-*boundary wall* ta' madwar il-*camping area* tal-bini tal-iscouts kif ukoll taċ-*chainlink fencing* għal ma' l-istess *boundary wall.* Il-Kamra qablet li ma tistax tagħti donazzjonijiet minħabba li dan hu projbit mil-liġi tal-Kunsilli Lokali.

***AĠENDA -3***

Is-Sindku nforma l-Kamra rigward laqgħa li hu attenda flimkien mal-Kunsillier T.Roberts u l-Perit Carmel Cacopardo fejn flimkien mad-Direttorat tal-Ambjent fi ħdan il-MEPA, rappreżentanti ta' Birżebbuġa Environment Action Group u uffiċjali mill-Port Ħieles bdew jiddiskutu l-*Environmental Permit* għal PA 04819/07 - Estensjoni ta' Terminal 1 tal-Port Ħieles. Is-Sindku faħħar lill-Onor. Dr Chris Said tal-interventi tiegħu sabiex il-Kunsill jiġi mistieden għal-laqgħat simili. F'din il-laqgħa ġie deċiż li l-Port Ħieles irid jissottometti pjan għal *Environment Management System* sa laqgħa oħra li għandha ssir għall-aħħar ta' April 2010. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li wara li ssir it-tieni laqgħa dwar l-*Environmental Permit* għandha tiġi organizzata tinda ta' informazzjoni sabiex ir-residenti jiġu aġġornati fuq il-kwistjoni tal-estensjoni ta' Terminal 1 tal-Port Ħieles. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' € 41415.30 titħallas skond Skeda Nru. 03/10.

***AĠENDA -5***

1. Il-Kamra approvat l-estimi finanzjarji mressqa mis-Segretarju Eżk. għas-sena kurrenti.

2. Il-Kamra ġiet infurmata li :-

    - Il-Kunsill applika għal Memo 21/2010 - Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar, sabiex jingħata fondi għat-tkomplija tar-restawr tal-Kappella tas-Sagra Familja fi Triq Iż-Żurrieq.

    - Il-Kunsill ser japplika għal Memo 18/2010 'Skema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli' għal studju fuq ir-riġenerazzjoni tal-kosta ta' Birżebbuġa.

    - Il-fuljett tal-Kunsill tlesta u ser jitqassam fid-djar nhar is-6 ta' Marzu 2010.

3. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li ħdejn il-bus stop tal-Bajja s-Sabiħa fuq il-prominad għadu jintefa' l-iskart u għaldaqstant għandha titwaħħal tabella sabiex ma jintremiex skart. Ukoll talab sabiex jiġu irrifreskati l-*parking bases* ta' Triq San Ġwann.

4. B.Pace ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn titneħħa t-tabella ta' ħdejn il-mużew tas-subien l-antik minħabba li dan m'għadux jintuża.

5. Fir-rigward tal-punt li tqajjem fis-Seduta preċedenti fuq self ta' flus mill-Kunsill Lokali lil GAL Xlokk fejn għanda tintalab approvazzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fuqu, T.Roberts ikkoreġa ruħu fuq l-ammont u żmien ta' self. L-ammont ta' self ġie amendat għal €4000 u ż-żmien ta' self għal 4 xhur. Kulħadd qabel.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu 2010 fis-6.00pm. .

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **..............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## ***Schedule of Payments 03/10***

## ***Period 01/03/2010 till 31/03/2010***

| Cheque | To | For | Amount Euro |
|---|---|---|---|
| 7875 | Carmen Debattista | Library opening - January 10 | 104.94 |
| 7876 | Go | Telephone Expenses | 407.78 |
| 7877 | Zurrieq Joint Committee | LES Expenses - Dec 09 | 5038.92 |
| 7878 | Malta Directories Ltd. | Advert in B2B | 46.00 |
| 7879 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Signs | 345.25 |
| 7880 | Print Right Ltd. | Printing of Birthday cards | 247.80 |
| 7881 | Sound Vision Print Ltd. | Advert | 52.82 |
| 7882 | Swallow Garage | Lifter - January 10 | 111.80 |
| 7883 | Supreme Travel | Transport | 33.04 |
| 7884 | WasteServ Malta Ltd. | Hire of Bins - Jan 10 | 296.59 |
| 7885 | WasteServ Malta Ltd. | Deposit on Bins | 1000.00 |
| 7862 | Assocjazzjoni Kunsilli Lokali | Laqgha Sindki | 215.00 |
| 7886 | Tino 2000 | Office Supplies | 31.03 |
| 7887 | J Brincat | Newspapers - Jan 10 | 49.57 |
| 7863 | Maltapost plc. | Stamps | 95.00 |
| 7864 | Petty Cash | Reimbused Expenses | 269.22 |
| 7888 | Water Services Corp. | Water & Electricity | 818.37 |
| 7889 | Medialink Communications | Advert | 60.89 |
| 7865/7866 | Information Technology Services Ltd. | Sage Version 15 | 744.82 |
| 7873 | Fenech Charlie | Tipper Truck - Jan 10 | 1320.00 |
| 7890 | Pauline Ellul | Office Cleaning - Feb 10 | 76.00 |
| 7891 | ELC | Upkeep Public Gardens - Feb 10 | 1147.92 |
| 7892 | New Era Waste Services | Street Cleaning - Feb 10 | 1939.58 |
| 7893 | Ronald & Chris Bezzina | Upkeep Public Convenience - Feb 10 | 1017.29 |
| 7893 | Ronald & Chris Bezzina | Upkeep Public Places - Feb 10 | 332.92 |
| 7894 | Andrew Fleri Soler | Fax Ink | 40.00 |
| 7895 | Raymond Cutajar | Hall Opening | 255.94 |
| 7896 | JM Installations | Lighting Repairs | 9774.31 |
| 7897 | Saviour Mifsud | Non-Urban | 868.74 |
| 7898 | Grupp Armar Tal-Festa | Jum ir-Repubblika u Milied | 668.00 |
| 7899 | RVS Ltd. | Refuse Collection Feb 10 | 6878.90 |
| 7867 | Joseph Farrugia | Allowance Feb 10 | 520.50 |
| 7869 | Maria Galea | Salary Feb 10 | 1698.98 |
| 7870 | Stephanie Aloisio | Salary Feb 10 | 1255.48 |
| 7868 | Simone Fenech | Salary Feb 10 | 1195.03 |
| 7871 | Eleonor Manicaro | Wage Feb 10 | 41.95 |
| 7872 | Kimberly-Jo Fenech | Wage Feb 10 | 65.54 |
| 7900 | MG Pulis | Parts | 7.25 |
| 7901 | Alfred Schembri & Sons Ltd. | Slabs & Coated Stones | 2280.77 |
| 7902 | Duraprint | Photocopy Paper | 61.36 |
| | | **Total Paid** | **41415.30** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**